Awwissu 2016
Nru. 210

# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

HANINA BHALL-MISSIER






Nhar is-Sibt 23 ta' Lulju bdiet iż-Żjara Franġiskana fil-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem Birkirkara. Matul il-quddiesa tal-ftuħ ingħata l-mandat mill-kappillan lill-misjunarji preżenti. B'kollox għal din iż-żjara ippartecipaw 24 missjunarju, li jinqasmu fi ħdax-il patri, disa' sorijiet u erba' lajċi Franġiskani.



Il-ġurnata konna nibdewha bl-animazzjoni tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum flimkien mal-komunità. P. Walter Vassallo kien iqaddes waħda mill-quddisiet li jsiru kuljum fil-Knisja Parrokkjali. Kull filgħaxija tlabna it-talba tal-Għasar flimkien mal-komunità li kienet tiġi animata mill-patrijiet u s-sorijiet. Wara l-quddiesa ta' filgħaxija kienet issir katekeżi b'tema marbuta mal-Maħfra tal-Porziuncola.

It-Tnejn P. Noel Muscat tkellem dwar il-Maħfra u l-istorja ta' San Franġisk. It-Tlieta P. Walter tkellem fuq id-dnub, li għalih persuna tikseb indulġenza; l-Erbgħa kien imiss lil P. Joseph li tkellem fuq il-ħniena fl-Iskrittura; il-Ħamis P. Ramon, Sr Matlene u P. Walter mexxew penitenzjal; il-Ġimgħa P. Walter spjega x'wieħed irid jagħmel biex jikseb l-Indulġenza tal-Porziuncola fil-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem.



Matul il-ġimgħa saru diversi laqgħat ma gruppi differenti eżistenti fil-parroċċa, fosthom il-grupp Kariżmatiku u t-tfal tal-M.U.S.E.U.M. It-Tnejn filgħaxija, u l-Ġimgħa

*ikompli f'paġna 2*

## Ikollok ħniena minna Mulej! Aħfrilna Mulej!

Waqt li qiegħed nikteb dan il-ħsieb illum għadhom jidwu f'widnejja u ċari quddiem għajnejja l-attakki terroristiċi li seħħew dan l-aħħar, partikolament dak li sar ġewwa knisja qalb il-kampanja li fiha ġie maqtul saċerdot anzjan waqt li dan kien qiegħed iqaddes fil-preżenza ta' kongregazzjoni żgħira. F'kummenti li qrajt fuq il-mezzi soċjali fost l-oħrajn kien hemm minn kiteb li, "Saċerdot itemm ħajtu għarkubtejh". Wieħed jista' jgħid li d-demm tiegħu tħallat u sara ħaġa waħda mad-Demm tal-Ħaruf. Kumment ieħor kien dwar dak li kien kiteb f'artiklu fil-bidu ta' dan ix-xahar fejn ħeġġeġ lin-nies sabiex jitolbu u jaħdmu biex ikollna dinja aktar umana, aktar ta' għaqda u aktar tolleranti!

Fl-istess jiem kellna l-aħbar xokkanti li nsteraq is-Santissimu Sagrament mill-Kappella tal-Kunvent tagħna ġewwa Ta' Ġieżu l-belt Valletta. Huwa maħsub li l-pissidi insteraq mhux minħabba li forsi min serqu ħaseb li kien forsi jiswa xi ħaġa, imma proprju biex l-Ostji kkonsagrati

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1 - Mill-Provinċjal

jintużaw fil-quddiesa s-sewda! Titkexkex biss taħsibha, aħseb u ara li tkun realta'!

Fl-istess jiem ftakarna u tlabna għal ħuna P. Piju Micallef OFM. Patri Franġiskan bħal ta' żmienu, li t-tifkira tagħhom għandha tkun ta' eżempju għalina lkoll. P. Piju OFM, bħal P. Remiġ OFM, P. Alessju OFM, Fra Ġorġ OFM, Fra Ġwann OFM u tant u tant oħrajn minn ħutna li marru qabilna u li aħna niftakru u forsi kultant insemmu bi tbissima fuq fommna, kienu Franġiskani sempliċi bi tjubija kważi innoċenti biex ma ngħidx infantili. Kienu jħobbu tassew is-sejħa tagħhom, l-Ordni, l-Provinċja, il-fraternità li fiha kienu jaħdmu u jgħixu. Ma kienux perfetti u kollha kellhom id-dgħufija tagħhom u l-limitazzjonijiet tagħhom, imma tul ħajjithom kienu reliġjużi eżemplari u wara mewthom ħallew togħma tajba u tifkira sabiħa.

Aħna, biex ngħid hekk ta' warajhom, ħaddieħor jista' jikteb u jgħid l-istess għalina? Wisq nibża' kultant li qed inħallu l-kurrent ikaxkarna miegħu u flok inkunu aħna melħ tal-art u dawl tad-dinja, kif isejjaħ Ġesù lil dawk li huma tiegħu, inkunu aħna, li wara li ħallejna kollox, wara li poġġejna jdejna fuq il-moħriet, ma bqajniex inħarsu 'l quddiem imma bdejna nħarsu lura! Ħellejna li nkunu mdakkrin bl-ispirtu tad-Dinja, spirtu egoista, spirtu tal-konsum, spirtu tal-firdiet, spirtu tal-piki, u nistgħu nibqgħu sejrin. Kemm huwa sew li naqraw sewwa dak li kiteb San Pawl missierna fil-Fidi lill-Galatin, kapitlu 5, vers 16 'l quddiem, meta jikteb fuq il-frott tal-Ispirtu u l-frott tal-ġisem. Kif igħid il-Malti, "Dak li tiżra taħsad!" u "Min jiżra' riħ, jaħsad riefnu!" Ir-riefnu ilu fuqna u aħna għadna ma ntbaħniex! Kelma waħda tqawwili qalbi, dak li jgħidlna Hu, "Jiena magħkom dejjem!" Ikollok ħniena minna Mulej u aħfrilna! Il-Mulej jagħtina s-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

minn paġna 1 - Żjara Franġiskana

filgħaxija saret il-Lectio Divina f'sitt familji li stiednu għandhom diversi familjari u ġirien. Saret ukoll Lectio Divina flimkien mal-kleru ta' San Ġużepp Ħaddiem. It-Tlieta l-missjunarji kellhom laqgħa ta' talb u ikla flimkien mal-Kappillan, Kleru, il-membri kollha tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali (KPP) u mal-membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija sezzjoni tas-Subien. Din saret fil-Kappella u l-bitħa tal-istess qasam tal-M.U.S.E.U.M. tas-subien. Il-Ħamis filgħaxija, sar Penitenzjal fil-Knisja Parrokkjali, li għalih attendew numru sabiħ ta' persuni mill-komunità. Il-Ġimgħa filgħodu saret laqgħa ma' grupp ta' adoloxxenti li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof din is-sena, fejn permezz tat-tpinġija ġiet żviluppata bil-mod it-tema tal-vokazzjoni b'attenzjoni partikolari lejn il-ħajja reliġjuża. Is-Sibt filgħaxija saret lejla soċjali man-nies tal-komunità fejn il-parroċċa organizzat *wine and pizza* u l-patrijiet u s-sorijiet ħadu ħsieb li jtellgħu l-ħajja ta' San Franġisk b'mod animat bejn rakkont u kant. Iż-Żjara Franġiskana għalqet il-Ħadd filgħodu fil-11:00 permezz ta' Ċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech OFM.





Nistgħu ngħidu li kienet esperjenza sabiħa ferm għal diversi raġunijiet, fosthom għax ġejna milqugħa tajjeb ħafna mill-kappillan u mill-Kleru u min-nies tal-komunità parrokkjali. L-attivitajiet marru tajjeb ħafna anke jekk iż-żjajjar fid-djar kienu xi ftit diffiċli peress li ż-Żjara saret fis-sajf u diversi familji ma kienux disposti minħabba safar, villeġġatura u xogħol.

## ESPERJENZI

### 1. Ħidma mal-kappillan u mal-helpers

Sibna ħafna kollaborazzjoni minn naħa tal-kappillan, Fr. Josef Mifsud, mill-Viċi kappillan Fr. Anthony Fitzpatrick u l-*helpers* li huma sabu biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet materjali tagħna. Konna niltaqgħu ta' kuljum mal-kappillan u ma' Fr. Anthony biex nitkellmu dwar l-andament taż-Żjara. Il-*helpers* kienu dejjem ikunu qabilna u jispiċċaw warajna.

Din is-sena P. Walter u Fr. Ramon raqdu fid-dar parrokkjali flimkien mal-kappillan, Fr. Josef Mifsud. Laqagħhom b'idejh miftuħa.

### 2. Lectio Divina fil-Familji

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju jiena Sr. Anne Marie kont involuta f'waħda mill-Lectio Divina li saret fil-familji. Fil-familja li aħna morna, kellna grupp ta' għaxar min-nies li ipparteċipaw b'mod sħiħ waqt dan il-mument ta' talb. Kienet esperjenza sabiħa ħafna anke għall-fatt li bl-għajnuna ta' Fr. Clive jiena ġejt mogħtija l-esperjenza li nagħti sehemi b'mod aktar attiv waqt dan il-mument ta' talb. L-esperjenza li twassal il-Kelma t'Alla lin-nies tatni entużjażmu ġdid li bih qiegħed jgħinni biex jiena nuża din il-forma ta' talb iktar spiss fil-ħajja tiegħi. Il-ferħ u l-entużjażmu li bih laqgħuna l-familja li konna għandha kien diġa' biżżejjed biex jimlieni bil-kuraġġ. Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi li nkun qiegħda ngħin fit-tmexxija ta' din it-talba u warajha naħseb li b'kuraġġ kbir nitħeġġeġ biex nerġa' nagħmilha.





### 3. Liturġijja u Żjajjar fid-djar

Jien Sr Anita-Jane matul din il-gimgha taż-Żjara Franġiskana għent b'mod attiv fl-animazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat. Kif wkoll fiż-żjajjar fid-djar. L-animazzjoni tat-talb fil-knisja parrokkjali għeni biex nirbaħ il-biża' u b'iktar kuraġġ immexxi lin-nies, li mhux soltu jitolbu din it-talba, b'mod aktar kalm. Iż-żjajjar fid-djar kienet esperjenza li għenitni mmiss ir-realtà tan-nies, spiss imweġġa' u li tinsab f'diffikultajiet kbar. Kelli wkoll l-esperjenza li nakkumpanja lil P. Joseph Magro fit-tqarbin lill-morda fid-djar. Hawn laqtitni l-ħerqa li urew dawn l-anzjani filli jistennew l-Ewkaristija biex ikunu jistgħu jitqarbnu.



### 4. Laqgħa tal-adoloxxenti

Il-Ġimgħa filgħodu sar seminar għall-adoloxxenti li ser jirċievi l-Griżma tal-Isqof fil-parroċċi ta' San Ġużepp Ħaddiem u Sta Liena. Kien mument interessanti ħafna kemm għall-adoloxxenti li ltqajna magħhom u wisq aktar għalina. Waqt il-ħin tal-attività l-adoloxxenti kellhom ikunu kreattivi u joħolqu siġra permezz tat-tpinġija. Hawn ħarġu d-differenzi fl-għażliet tagħhom u l-modi differenti ta' kif huma ħadmu flimkien. Hekk ukoll is-sejħa għall-ħajja reliġjuża, hija għażla fost il-ħafna oħrajn. L-adoloxxenti kellhom ħin biex jistaqsuna dwar il-ħajja ta' patri u soru. Naħseb li dan il-mument għinna nsiru nafu aktar min aħna u għinna lilhom biex ineħħu xi ideat żbaljati li forsi setgħa kellhom dwarna. (Sr Matlene)



### 5. Il-Penitenzjal

Il-mument tat-talb waqt il-penitenzjal kien wieħed li saħħaħ il-ħidma kollha fi ħdan din il-parroċċa. Meta wieħed jitkellem dwar il-maħfra kbira t'Alla jista' jagħti l-kas li min qed jisma' jiddubita xi ftit, però permezz tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni li seħħ waqt dan il-mument, setgħet tinħass il-paċi u s-serħan ta' kull persuna. Kien hemm parteċipazzjoni sabiħa min-naħa tal-parruċċani u dan kien għalina ta' kuraġġ.

## Membru tal-Fraternità tar-Rabat



Il-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech ikkonferma lil ħuna Fr. Ramón Farrugia OFM li għadu kemm temm l-istudji tiegħu ġewwa Ruma, bħala membru tal-Fraternità tagħna ġewwa r-Rabat. Fr. Ramon mhux wiċċ ġdid għall-komunita Rabtija, dan għaliex kien diġa' għex fostna l-ewwel sena ta' formazzjoni bejn is-sena 2009 u 2010 u baqa' jirritorna fostna għal vaganzi mill-Italja tul dawn is-sitt snin li għaddew. Fil-waqt li ser ikun qed jagħti servizz fil-Kunvent u l-Knisja tagħna, huwa se jkun qed jipprepara biex jiġi ordnat djaknu f'Ottubru li ġej. Filwaqt li nerġgħu nilqgħuh fostna, nawgurawlu, u nkomplu nitolbu għalih.

## Pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa

Bejn it-13 u l-21 ta' Lulju Fr. Clive Camilleri OFM għamel pellegrinaġġ organizzat mill-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa fl-Art Imqaddsa bi tħejjija għal Professjoni Solenni tiegħu fi ħdan l-Ordni tal-Patrijiet Minuri



f'Settembru li ġej. Huwa kellu l-okkazzjoni li mal-Vanġelu ħaj u jimxi fuq il-passi ta' Ġesù Kristu.

## L-Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-festa tal-B. Nazju Falzon



Il-Ġimgħa 1 ta' Lulju 2016, l-Arċisqof Charles J. Scicluna kien mistieden jiċċelebra Quddiesa fl-okkażżjoni tal-festa tal-Beatu Nazju Falzon, fil-Knisja ta' Santa Maria ta' Ġesù (Ta' Ġieżu), il-Belt Valletta. Wara quddiesa hu kien mistieden flimkien mal-familja u l-fraternità għal-BBQ.

## Awwissu
# Appuntamenti

**2** ta' Awwissu, Festa tal-Porziuncola, Baħar iċ-Ċagħaq

**7** ta' Awwissu, Festa Santa Klara – Quddiesa Solenni mmexxija mill-Eċċ. Mons. Mario Grech fid-dar tal-Irtiri Manresa, Rabat, Għawdex, flimkien mas-sorijiet Klarissi, fis-6.00pm.

**8** ta' Awwissu, Żjara Franġiskana - Evalwazzjoni u Ikla Fraterna, ġewwa ċ-Ċentru S. Franġisk, il-Ħamrun fis-7.00pm.

**11** ta' Awwissu, Festa Santa Klara – Quddiesa Solenni mmexxija mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM, fil-Monasteru ta' S. Klara, San Ġiljan, flimkien mas-sorijiet Klarissi fis-6.30pm.

### Birthdays - Awwissu

11. P. Jimmy Zammit
13. P. Eddie Pace
14. P. Edward Zammit
24. P. Albert Micallef

### Festi - Awwissu

04. P. Jimmy Zammit
24. P. Bartholomew Gauci
31. P. Ray Scicluna
31. P. Raymond Falzon
31. Fr. Ramon Farrugia

## Messaġġ mill-JPIC Malta fuq il-Frangiskani fit-Turkija

F'messaġġ mibgħut minn P. Dijonisju Mintoff O.F.M direttur tal-Laboratorju tal-Paċi f'isem il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi fi ħdan il-Provinċja jgħid li: "hekk kif xterdu l-aħbarijiet fuq is-sitwazzjoni fit-Turkija, il-Kummissjoni Ġustizzja, Paċi u Ħarsien tal-Ambjent O.F.M., ftakret fil-patrijiet Franġiskani ħutna li ilhom hemm għaxar snin jaħdmu għal-djalogu fil-pajjiż. Ħallew art twelidhom biex jagħtu dan is-servizz. Urejnihom l-inkwiet tagħna fuqhom u li ser nitolbu u nwettqu dmirna l-aktar fil-jiem speċjali tal-liturġija.

Nhar is-Sibt 30 ta' Lulju 2016 fil-Laboratorju tal-Paci, Ħal Far waqt il-quddiesa fis-6:00pm, ressaqna t-talb tagħna għalikom u għan-nies kollha ta' dan il-pajjiż u wara ntwera dokumentarju qasir "Ten years of Franciscan Service for Dialogue" li għadna kemm ġibna minn hemm. Fuq l-*iscreen* inxtelgħet xemgħa u qrib tagħha l-messaġġ: "Id-dlam ma jistax ikeċċi d-dlam, id-dawl biss jista' jagħmel hekk. Il-mibgħeda ma tistax tkeċċi l-mibgħeda, l-imħabba tista' tagħmel dan." Hekk nistgħu nħossuna qrib lejn ħutna f'din is-siegħa kerha."

**L-AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*